**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Frar, 2025**

**Talba Nru: 387/2023MD**

**Alan Grech (KI 419887M)**

**Vs**

**Mairwen Tabone Spalding (KI 200888M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-23 ta' Ottubru, 2023[1] permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenuta tiġi ordnata tħallas s-somma globali ta' elfejn, ħames mija u disgħa u tmenin ewro (€2,589), bl-ammont ta' elf, mitejn u ħamsin ewro (€1,250) rappreżentanti nofs l-ispejjeż mediċi, edukattivi u extra-kurrikulari u l-ammont ta' elf, tlett mija u disgħa u tletin Ewro (€1,339) rappreżentanti arretrati ta' manteniment dovut skont kuntratt ta' separazzjoni datat l-4 ta' Ġunju, 2021, liema somma ma tħallsitx mill-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta ppreżentata fil-5 ta' Frar, 2024[2] fejn eċċepit is-segwenti:

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 10 et seq tal-proċess

*L-intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet tal-attur fl-inter tagħhom u dan għar-raġunijiet segwenti;*

1. *Illi fl-ewwel lok, l-intimata tissottometti ill hija qatt ma rċiviet l-ebda karta jew irċivuta mingħand l-attur meta hi tagħmel il-pagamenti tal-manteniment dovut minnha;*

2. *Illi di piu, l-intimata tissottometti ulterjurment illi hija qatt ma ingħatat l-ebda rċevuti relatati ma saħħa u edukazzjoni fl-aħħar xhur mingħand l-attur u b'hekk qatt ma setat tikkontribwixxi f'dan ir-rigward ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li hi kienet taf bihom u b'hekk assumiet responsabilita tagħhom waħedha a priori, bħal ma huma spejjeż tal-bidu tal-iskola, praċetti, griżma, etc.*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, Marwein Tabone Spalding, umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jirrespinġi t-talba tar-rikorrenti, u dan salv kwalsiasi provvediment ieħor illi dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-Liġi.*

Ra l-verbal datat 18 ta' Ġunju, 2024 fejn l-avukat difensur tal-attur irrilevat illi preżentat nota ta' riduzzjoni dak inhar stess tas-seduta, liema nota kienet għadha ma hijiex inserita fil-proċess, permezz ta' liema irrilevat li l-ammont pretiż issa huwa ta' elfejn, erbgħa u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżimu (€2,044.50)[3].

Ra r-rikors datat 18 ta' Ġunju, 2024[4], fejn l-attur spjega li matul il-kors tal-proċeduri u anke skont ix-xhieda tal-istess attur, il-konvenuta ħallset ammont f'arretrati ta' manteniment u għalhekk issa l-ammont pretiż huwa fl-ammont ta' elfejn, erbgħa u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżimu (€2,044.50).

Ra r-rikors u n-nota datati 4 ta' Lulju, 2024[5] fejn l-attur talab riduzzjoni ulterjuri u li għalhekk l-ammont pretiż huwa ta' elf, disgħa mija u disgħa u tmenin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżimu (€1989.84) bl-ammont ta' elf, tlett mitt ewro u erbgħa u tmenin ċenteżimu (€1300.84) huwa rappreżentanti nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari u s-somma totali tal-arretrati tal-manteniment huwa ta' sitt mija u disgħa u tmenin ewro (€689).

Ra li għalhekk l-ammont pretiż mill-attur huwa ta' elf, disgħa mija u disgħa u tmenin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżimu (€1989.84).

Ra d-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Ra x-xhieda prodotta.

---

[3] A fol 14 et seq tal-proċess
[4] A fol 20 et seq tal-proċess
[5] A fol 42 et seq tal-proċess

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

L-attur permezz tal-Avviż jitlob li l-konvenuta tiġi ordnata tħallas l-ammont globali ta' elfejn, ħames mija u disgħa u tmenin ewro (€2,589) bl-ammont ta' elf, mitejn u ħamsin ewro (€1,250) rappreżentanti arretrati ta' nofs l-ispejjez mediċi, edukattivi u extra-kurrikulari u l-ammont ta' elf, tlett mija u disgħa u tletin ewro (1,339) rappreżentanti arretrati ta' manteniment, liema ammont ġie ridott elfejn, erbgħa u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżimu (€2,044.50) stante ħlas li sar mill-konvenuta fil-mori tal-proċeduri odjerni, liema somma ġiet ridotta ulterjorment għas-somma globali ta' elf, disgħa mija u disgħa u tmenin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżimu (€1989.84). Il-konvenuta tirrespinġi l-allegazzjonijiet tal-attur billi ssottemmiet li qatt ma rċiviet l-ebda karta jew riċevuti mingħand l-attur meta hi tagħmel il-pagamenti tal-manteniment dovut minnha u li hija qatt ma ngħatat l-ebda riċevuti relatati ma ħlas ta' saħħa u edukazzjoni fl-aħħar xhur mingħand l-attur u b'hekk ma setgħetx tikkontribwixxi f'dan ir-rigward ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li kienet taf bihom u b'hekk assumiet responsabilita' tagħhom waħedha *a priori* bħal ma huma spejjeż tal-bidu tal-iskola, preċetti, ġriżma u affarijiet oħra.

**Provi prodotti**

Sema lil **Alan Grech**[6] li ddikjara li hu u l-konvenuta ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni li permezz tiegħu l-konvenuta għandha tipperċepixxi ħames mitt ewro (€500) kull erbgħa ġimgħat kif ukoll tħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa, sport u edukazzjoni. Qal li għandhom erbat'itfal u jieħu ħsiebhom hu, li għandu l-kura u l-kustodja tagħhom u ilhom jgħixu miegħu għal dawk l-aħħar sitt (6) snin. Kompla jispejga li ħafna drabi flokk ħames mitt ewro (€500) kienet ittih erba' mitt ewro (€400) u minflok kull erba' (4) ġimgħat kienet ittihomlu kull xahar u b'hekk kienet tnaqqas pagament ta' ħames mitt ewro (€500) kull sena għaliex ma kienetx ittihomlu u akkumulaw u qatt ma tathomlu u lanqas tal-ispejjeż. Fil-bidu kienet ittih parti mill-manteniment wara ħafna rapporti u għad għandhom żewġ kawżi oħra liema sentenzi kienu inqatgħu li l-konvenuta tagħtih ħamsin ewro (€50) fix-xahar. Qal li l-konvenuta baqalha tgħaddilu kważi mitejn ewro (€200) differenza tal-manteniment b'lura kif ukoll tal-ispejjeż ta' saħħa, sport u edukazzjoni u ppreżenta kopja tar-riċevuti. Qal li dawn ikopru minn Ottubru tas-sena 2021 sa Ottubru 2023, spejjeż li għandu x'jaqsmu ma skola fis-somma ta' tminn mija u ħdax-il ewro u wieħed u erbgħin ċenteżimu (€811.41), spejjeż rigwardanti saħħa fis-somma ta' tlett mija, tmienja u disgħin ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżimu (€398.45) u b'kollox għandu jieħu is-somma ta' elf, dsatax-il ewro u sbatax-il ċenteżimu (€1,019.17). Qal li fil-mori tal-kawża il-konvenuta ħallset xi arretrati u llum jonqosha tħallas is-somma ta' elfejn, erbgħa u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżimu (€2,044.50).

[6] A fol 16 et seq tal-proċess; xhieda datata 18 ta' Ġunju, 2024

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-kawża odjerna si tratta fuq allegati arretrati ta' nofs spejjez ta' saħħa, edukazzjoni u sport, kif ukoll manteniment dovut lill-attur mill-konvenuta fl-ammont ta' elf, disgħa mija u disgħa u tmenin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżimu (€1989.84)[7] hekk kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn il-partijiet.

Ikkunsidra li fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet redatt minn Nutar Dottor Alicia Agius Gatt fl-4 ta' Ġunju, 2021[8], klawsoli numru 11 u 12 jaqraw:

> *11. Il-Mara qed tintrabat li tħallas lill-Raġel bħala manteniment għal ulied il-partijiet is-somma ta' ħames mitt Euro (500) kull erbgħa ġimgħat.*
>
> *12. Tali retta alimentari tinkludi l-ispejjeż kollha relattivi għat-trobbija tal-istess minuri eskluż spejjeż mediċi, edukattivi u extra-kurrikulari li għandha tinqasam bejn il-partijiet fi kwoti ta' nofs kull wieħed wara li jiġu preżentati l-irċevuti relattivi.*

Ikkunsidra li permezz ta' rikors datat 18 ta' Ġunju, 2024[9] l-attur talab sabiex jiġi ridott l-ammont għas-somma ta' elfejn, erbgħa u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżimu (€2044.50) *stante* li l-konvenuta fil-mori tad-differiment ħallset ammont f'arretrati ta' mantemiment, fejn l-attur ikkonferma l-istess permezz ta' l-avukat tiegħu fis-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2024[10].

Ikkunsidra li fix-xhieda mogħtija mill-attur[11] ikkonferma li hu u l-konvenuta sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Alicia Agius Gatt u li l-konvenuta għandha tivversa manteniment versu t-tfal fl-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) kull erba' ġimgħat, kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u extra-kurrikulari. Spjega li konvenuta kienet tivversa l-manteniment kull xahar minflok kull erba' ġimgħat u għalhekk kull sena ma kienetx qed tgħaddi pagament ta' ħames mitt ewro (€500) u filfatt fetaħ kawża quddiem il-Qorti li kien hemm deċiżjoni dwarha. Kompla jispega li l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u extra-kurrikulari ikopru minn Ottubru tas-sena 2021 sa Ottubru tas-sena 2023.

Ikkunsidra li fir-rikors datat 4 ta' Lulju, 2024[12] l-attur talab li l-ammont jiġi ridott għas-somma ta' elf, disgħa mija u disgħa u tmenin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżimu (€1989.84).

Ikkunsidra li fl-4 ta' Lulju, 2024[13] l-attur ippreżenta prospett ta' l-ammont totali dovut mill-konvenuta fl-ammont ta' elf, disgħa mija u disgħa u tmenin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżimu (€1989.84) fejn l-ammont ta' elf, tlett mitt ewro u erbgħa u tmenin ċenteżimu (€1300.84) huwa rappreżentanti nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-

[7] Skont in-noti ta' riduzzjoni, a fol 20 et seq tal-proċess u a fol 42 et seq tal-proċess
[8] A fol 22 et seq tal-proċess
[9] A fol 20 et seq ta-proċess
[10] A fol 14 et seq tal-proċess
[11] A fol 16 et seq tal-proċess, xhieda mogħtija fit-18 ta' Ġunju, 2024
[12] A fol 42 et seq tal-proċess
[13] A fol 44 et seq tal-proċess

kurrikulari u li s-somma totali tal-arretrati tal-manteniment huwa ta' sitt mija u disgħa u tmenin ewro (€689).

Ikkunsidra li l-konvenuta ma kkontestatx il-veraċita' tal-kopji tal-irċevuti ppreżentati mill-attur mill-konvenuta. Mix-xhieda tal-attur, kif ukoll mill-prospett u r-riċevuti ppreżentanti mill-attur jirriżulta li l-ammont ta' elf, disgħa mija u disgħa u tmenin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżimu (€1989.84) huwa dovut mill-konvenuta.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddisponi minn dan il-każ billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta filwaqt li jilqa' limitatament it-talba attriċi fis-somma ta' elf, disgħa mija u disgħa u tmenin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżimu (€1989.84) u konsegwentment jordna lill-konvenuta sabiex tħallas s-somma ta' elf, disgħa mija u disgħa u tmenin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżimu (€1989.84) lill-attur.

L-ispejjeż jitħallsu unikament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**